MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 351/2004/1

**Id-Direttur Generali tax-Xoghlijiet**

**vs**

**San Lucian Oil Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors in ezami li bih is-socjeta' rikorrenti, wara li esponiet bil-qima illi dan huwa rikors a tenur ta' l-art 466(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili u dan wara n-notifika ta' ittra ufficjali ta' l-14 ta' Gunju 2004 b'annessa Dikjarazzjoni Guramentata mahlufa mill-Perit Raymond Farrugia Direttur Generali tax-Xogholijiet;

2) Illi dwar l-allegati servizzi rezi, l-esponenti San Lucian Oil Company Limited ma ghandha ebda responsabilita' ghal dak li gie allegat u pretiz ghaliex l-ewwel dan l-allegat tixrid ta' zejt irid jigi ppruvat u stabbilit u in oltre l-esponeneti tikkontesta kwalunkwe responsabilita'; illi l-esponenti tghid illi ma kellha ebda responsabilita' ghall-allegat.

Ghal-daqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Gunju 2004 hija infondata fil-fatt u fid-Dritt bl-ispejjez kontra l-intimat kif ukoll kopja tal-istess ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata annessa ma l-istess rikors.

Rat id-digriet Taghha precedenti moghti fl-24 ta' Gunju 2004 (Fol 5 tal-atti).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 7 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1) Illi PRELIMINARJAMENT, ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta'Organizazzjoni u Procedura Civili sta ghas-socjeta' rikorrenti sabiex tipprova illi t-talba illi saret mill-esponenti u dana permezz ta' l-ittra ufficjali mahrug a tenur ta' l-Artikolu 466(1) ta' l-istess Kodici mhux wahda fondata;
2) Illi SUBORDINAMENT U MINGHAJR PREGUDIZZJU GHAS-SUEPOST, s-servizzi moghtija u spejjez ohra relatati ma' l-incident ta' tixrid ta' zejt f'Marsaxlokk jirreferu ghal servizzi illi jinghataw mill-Gvern u dana fl-interess pubbliku sabiex titwaqqaf il-hsara kkagunata minn incidenti fejn tirrizulta oil spill jew tniggiz iehor, liema xoghol ta' emergenza jkun debitat lill-persuna illi fil-kaz, odjern hija l-propjetarja tal-pipeline illi kkaguna tniggiz.

Ghaldaqstant, l-esponent qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti filwaqt illi tikkonferma illi s-somma ta' elfejn,mija u seba' Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2,107.95), hija dovuta lill-esponent Direttur Generali tax-Xogholijiet rapprezentanti

ammont dovut mir-rikorrent in konnessjoni ma' servizzi moghtija u spejjez ohra relatati ma' l-incident ta' tixrid ta' zejt f'Marsaxlokk.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

Rat ir-rikors ulterjuri intavolat mis-socjeta' rikorrenti (fol 15 ibid) u li bih wara li ippromettiet u esponiet bir-rispett illi prelimarjament l-allegat incident ta' tixrid ta' zejt f'Marsaxlokk sar fis-17 ta' Lulju 1999 u dana skond l-ittra ufficjali tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet;
2) Illi kemm l-azzjonisti kif ukoll id-diretturi tas-socjeta' rikorrenti nbidlu diversi drabi mid-data ta' l-incident sallumm;
3) Illi in oltre, l-azzjonijisti illi prezentament huma l-proprjetarji tas-socjeta' rikorrenti akkwistaw l-azzjonijiet fis-socjeta' rikorrenti minghand is-socjeta' estera Omisa Oil Management S.A. bl-ufficju registrat fl-Isvizzera;
4) Illi fis-share transfer agreement li bih sar it-trasferiment ta' l-azzjonijiet fis-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' estera Omisa Oil Management S.A. zammet ir-responsabilita' ghal diversi claims liema claims jinkludu dik ta' tixrid ta' zejt illi sar f'Marsaxlokk nhar is-17 ta' Lulju 1999,

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' estera Omisa Oil Management S.A. u dan taht dawk il-provvediment kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-2 ta' Marzu 2005 (fol 16 ibid).

Rat in-nota konguntiva a fol 17 tal-atti u li bih id-Direttur tat-Turizmu assuma l-atti minflok id-Direttur tax-Xogholijiet.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 20 tar-rikors numru 351/04 JAB) u li biha l-intimat espona bir-rispett:-

Illi l-esponent jopponi ghat-talba kif dedotta u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1) Illi s-socjeta' rikorrenti hija persuna legali u ghandha personalita' distinta minn dik tal-azzjonisti u d-diretturi taghha.

2) Illi ghalhekk id-debitur f'dan il-kaz kienet u baqghet l-istess socjeta' rikorrenti u mhux l-azzjonisti jew id-diretturi taghha.

3) Illi ghalhekk mhux relevanti ghall-kaz odjern min kienu jew min huma l-azzjonisti tas-socjeta' rikorrenti. L-azzjonisti prezenti u passati jibqaghlhom rimedju civili kontra xulxin, izda r-relazzjoni ta' bejniethom mhux ta' relevanza ghall-intimat esponenti.

4) Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent mhux edott dwar xi arrangamenti li setghu saru bejn id-diversi azzjonisti li seta' kellha s-socjeta' rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba fir-rikors tal-1 ta' Marzu 2005.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi wara li gew ezaminati r-rikors in ezami u r-risposta relattiva jidher li s-socjeta' rikorrenti qed titlob il-kjamata in kawza tas-socjeta' estera, Omisa Oil Management S.A. minhabba bdil fl-azzjonisti u fid-diretturi tas-socjeta' rikorrenti u minhabba li l-azzjonist prezenti tas-socjeta' rikorrenti kienu akkwistaw l-azzjonisti f'din is-socjeta' minghand is-socjeta' estera msemmija u meta kien sar dan it-trasferiment ta' ishma, l-istess socjeta' estera "zammet ir-responsabilita' ghal diversi 'claims'…." fosthom dik in ezami.

Illi, mill-premess jidher car illi t-talba in ezami ma tistax tigi akkolta peress li

a) l-istess socjeta' estera kienet biss <u>azzjonista</u> f'dik rikorrenti u kull azzjoni legali ghandha tigi intavolata <u>kontra l-istess socjeta' rikorrenti</u> u mhux kontra l-azzjonisti, prezenti jew passati.

b) In rigward il-ftehim imsemmi bejn is-socjeta' estera u l-azzjonisti prezenti, din ghandha tigi

kkunsiderata bhala “res inter alios acta” u ghalhekk kull dritt li jista’ jkollha kemm fuq bazi legali kemm ta’ fatt s-socjeta’ rikorrenti kontra l-imsemmija s-socjeta’ estera a bazi tal-istess ftehim ma ghandux jinvolvi lil terzi persuni f’dan il-kaz, id-direttur intimat.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba ghall-kjamata in kawza tas-socjeta’ estera u tordna li kopja legali ta’ dan id-digriet jigi inserit fir-rikors numru 351/04 JAB u li s-smiegh ta’ dan ir-rikors jitkompla fuq il-mertu billi jingiebu l-provi tas-socjeta’ rikorrenti.”

Fil-kontestazzjoni taghha kontra l-provvediment ta’ l-ewwel Qorti s-socjeta` rikorrenti San Lucian Oil Co. Ltd tissottometti li, fil-fehma taghha, it-talba taghha ghal kjamata in kawza tas-socjeta` estera Omisa Oil Management S.A. ghandha tissussisti in bazi ghas-segwenti motivi:-

(i) L-interess taghha ghal dik is-sejha hi dik tad-dritt ta’ rivalsa li jista’ jkollha di fronte ghall-imsemmija socjeta` estera in virtu tal-fatt illi fil-ftehim tat-trasferiment ta’ l-ishma taghha fis-socjeta` appellanti dik is-socjeta` assumiet ir-responsabilita` anke fir-rigward ta’ l-incidenti *de quo,* mertu ta’ l-impunjattiva minnha dedotta bl-opportun rikors quddiem l-ewwel Qorti;

(ii) Il-presenza tas-socjeta` barranija fil-gudizzju hi essenzjali kemm bhala ghajnuna fid-difiza taghha kif ukoll biex dik l-istess socjeta` ma tipprovax tahrab mir-responsabilita` taghha bl-iskuza li kieku giet imsejha tippartecipa fl-istanza setghet potenzjalment iggibilha difiza valida;

(iii) B’ mod generali, biex jigi skongurat dak li hi ssejjah “cirkuwitu ta’ proceduri”;

Bi twegiba ghal dawn is-sottomissjonijiet id-Direttur appellat jirreplika l-istess opposizzjonijiet minnu sollevati quddiem il-Qorti inferjuri, u cjoe li:-

(i) Id-debitur principali tieghu hi s-socjeta` appellanti u mhux l-azzjonisti taghha, prezenti jew passati;

(ii) Kull rapport bejn is-socjeta` appellanti u l-azzjonisti taghha mhux ta' rilevanza ghalih jew ghall-kaz odjern;

Ma jidherx li jista' jkun dubitat illi l-ordinanza tal-Qorti fuq it-talba li ssirilha ghall-intervent, volontarju jew koatt, ta' terz fil-kawza ghandha natura ta' provvediment processwali attinenti ghar-regolarita` tal-kontradittorju. L-ezercizzju ta' indagini dwarha jikkoinvolgi valutazzjoni fakoltativa rimessa ghad-diskrezzjonalita` tal-Qorti dwar l-opportunita`, o meno, li l-process jigi estiz ghall-persuna intiza li tigi kjamata. Fil-kaz prezenti l-ewwel Qorti dehrilha, fid-diskrezzjonalita` taghha, illi l-kjamata mitluba ma kellhiex tigi koncessa ghar-raguni li s-socjeta` estera kienet biss azzjonista f' dik rikorrenti u, barra minn hekk, li kull arrangament jew ftehim bejn din is-socjeta` frustiera u l-azzjonisti attwali tas-socjeta` appellanti ghandu jitqies *res inter alios acta* ghad-Direttur appellat;

Huwa pacifiku illi meta t-tribunal adit jezercita d-diskrezzjonalita` tieghu favur il-kjamata dik id-diskrezzjonalita` ma tigix bhala regola disturbata fit-tieni istanza. Ara "**Joseph Vella Bonnci *nomine* -vs- Anthony Griscti**", Appell Civili, 6 ta' April 1970. Invece, kif ukoll pacifikament akkolt, "*la Corte di Appello potrebbe dissentire dalla Corte di prima istanza nel caso di rigetto di domanda per chiamata in causa*". *Vide* "**Avv. Filippo Nicola Buttigieg *nomine et* -vs- Sacerdote Giuseppe Attard *et***", Appell Civili, 22 ta' Mejju 1916. Jinkombi allura fuq din il-Qorti li tinvesti u tiddeciedi jekk il-provvediment impunjat bl-appell jikkontjenix vizzji logici fir-ragonament tieghu u ghandux ghalhekk jigi disturbat. Tali stharrig jinvolvi necessarjament rikapitulazzjoni tal-principji affermati tad-dritt u ta' l-enuncjazzjonijiet gurisprudenzjali l-aktar akkreditati relattivament ghall-istitut tal-kjamata in kawza;

Bhala regola, skond kif profess b' bosta sentenzi, il-kjamata in kawza tinghata jekk tkun indispensabbli ghall-intergrita` tal-gudizzju (**Kollez. Vol. XXXII P II p 151**), salv il-principju li ma jigix sostitwit konvenut li ma kienx il-legittimu kontradditur ("**Vincenzina Cassar *et* -vs- Anthony Vella**", Appell Inferjuri, 26 ta' April 1971) jew, f' certi kazijiet (*ad exemplum*, kwestjoni ta' servitu) kien messu gie citat *ab initio* ("**Paul Vella -vs- Albert Spiteri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Marzu 1983). Din, pero`, ma tidherx li hi l-unika bazi ghall-kjamata fil-kawza. Hemm ukoll dik tal-kommunanza tal-liti dipendenti mill-interess. Ara **Kollez. Vol. XLVIII P II p 894**;

Ir-rekwizit tal-kommunanza jikkonkreta ruhu fil-fatt illi r-rapport dedott in kawza hu konness, taht il-profil tal-*causa petendi* u tal-*petitum*, konguntement jew alternattivament ikkonsidrat, mar-rapport ko-involgenti lit-terz li hu intiz li jigi kjamat, jew, ukoll, ma' l-ezistenza ta' l-interess ta' partecipazzjoni mit-terz fil-kontradittorju processwali dirett ghall-formazzjoni ta' l-accertament gudizzjali bejn il-partijiet originarji. Fi kliem iehor, l-intervent koatt jissussisti meta r-rapport dedott fil-gudizzju jkun jidher soggettivament u oggettivament konness ma' dak ko-involgenti lit-terz. Fil-konkret allura kellu jigi investigat x-xorta ta' l-interess wara t-talba maghmula, u ricerkat ukoll jekk il-kawzali tad-domanda u l-istess domanda, kif artikolati fl-ittra ufficcjali tad-Direttur appellat u fil-korp tar-rikors ta' opposizzjoni mis-socjeta` appellanti, ghandhomx rapport, oggettivament uniku, ma' l-allegata responsabilita` assunta mis-socjeta` estera fil-kontrattazzjoni mas-socjeta` appellanti relattivament ghall-istess incident, meritu tal-kontestazzjoni;

Dan qed jigi rilevat ghaliex skond is-socjeta` appellanti l-interess taghha li ssejjah fil-kawza proprju lis-socjeta` barranija, gja azzjonista ta' l-istess socjeta` appellanti, hu msejjes fuq l-bazi li din assumiet ir-responsabilita` anke fir-rigward tal-pretensjoni migjuba 'l quddiem mill-appellat.

Inoltre, dejjem skond l-istess socjeta` appellanti, hi trid tevita r-riskju illi s-socjeta` estera, ghall-motivi aktar ‘il fuq senjalati, tahrab mir-responsabilita` taghha. Kontra dawn l-argomenti l-appellat jikkontrobatti illi l-kjamata ma jista’ jkollha ebda utilita` ghaliex is-socjeta` barranija, *qua* azzjonista, ma tistax tigi kkundannata ghaliex mhix debitrici tieghu. Jikkontendi wkoll illi r-rapport intern bejn is-socjeta` appellanti u dik estera hu wiehed estraneju ghar-rapport li ghalih tirreferi l-kawza billi l-kwestjoni fiha involuta ma tistax tikkomprendi lill-azzjonisti imma biss lis-socjeta` appellanti;

Fermi dawn il-veduti kontrastanti tal-partijiet, il-Qorti jidhrilha li, bl-applikazzjoni tal-principji tad-dritt appena affermati, taghmel is-segwenti riflessjonijiet:-

(1) Innegabilment il-kaz prezenti ma huwiex wiehed minn dawk fejn il-kjamata hi intiza biex tintegra l-gudizzju. Kif koncepit, il-gudizzju hu diga` intergru;

(2) Minn naha l-ohra ma jistax *a priori* jigi eskluz li tezisti l-kommunanza tal-liti. Jekk kif ritenut mis-socjeta` appellanti, is-socjeta` estera assumiet b’ inkarigu, fil-ftehim maghha, li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni *de qua* ta’ l-appellat dan iqieghed lil din is-socjeta` estera f’ kollegament mal-*causa petendi* u mal-*petitum* ta’ l-azzjoni. Naturalment dan jiddependi mill-analisi tal-prova okkorrenti relattiva ghall-ezistenza u l-kontenut tax-*share transfer agreement* ghal liema tirreferi s-socjeta` appellanti. Ftehim dan li l-ewwel Qorti ma kelhiex l-opportunita` li tezamina, anke ghaliex kopja tieghu ma gietx esebita fl-atti;

(3) Hemm, imbaghad, aspett iehor importanti li jimmerita ricerka. L-interess li jillegittima l-kjamata ghandu jirrisjedi fl-ezitu tal-kawza. Proprju taht dan l-aspett insibu istanzi fejn inghatat is-sejha fil-kawza ta’ persuni li kellhom interess fl-ezitu tal-gudizzju. Ara, b’ ezemplari, “**John Farrugia -vs- Daniel Cilia**”, Appell Civili, 10 ta’ Dicembru 1966 u “**Joseph Camilleri *proprio et nomine* -vs- Major William Robb**”, Appell Civili, 29 ta’

Mejju 1967. Fuq dan il-binarju ta' hsieb certament dawn id-decizjonijiet kellhom prezenti quddiemhom l-insenjamenti validi ta' decizjoni anterjuri. Primarjament fosthom, il-*locus classicus* in re: "**Stepton -vs- Spiteri**", Appell Inferjuri, 23 ta' Novembru 1898, fejn insibu profess illi "*se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo, nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte*". Tali interess "huwa dak stess biex tista' tigi proposta azzjoni jew tigi opposta kontestazzjoni", ossija, fuq l-awtorita` tal-Mortara, "*l' utilita` finale della domanda giudiziale"* (mill-punto di vista ta' l-attur) u "*l' utilita` finale della opposizione contra quella domanda*" (mill-punto di vista tal-konvenut) Ara "**Maria Concetta Libreri -vs- Edgar Staines *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Ottubru 1935 pero Imhallef W. Harding. Tajjeb li jigi mfakkar ukoll, b' parafrasi tat-taghlim siewi fil-precitata sentenza "**Stepton -vs- Spiteri**" illi l-interess tal-kjamat mhux necessarjament fis-sens li hu jkun ikkundannat jew liberat, imma wkoll fis-sens li hu jkun jista' jsostni r-ragunijiet ta' l-attur jew tal-konvenut, jew tieghu stess, differenti mit-tnejn, jew ghall-wiehed jew l-iehor, u jipprovoka decizjoni, fil-limiti ta' l-azzjoni li tistabilixxi certi fatti u certi drittijiet, favorevoli jew kuntrarji ghalih, bla ma jkun liberat jew kundannat. Ara "**Albert Borg Falzon *proprio et nomine* -vs- Joseph Cost Chretien**", Qorti tal-Kummerc, 17 ta' Ottubru 1950;

(4) Hemm ukoll punt iehor meritevoli ta' valutazzjoni. Dak, jigifieri, li s-sentenza finali fil-mertu tkun taghmel stat fil-konfront tas-socjeta` estera. Proprju l-istess socjeta` appellanti taspira ghal din is-sitwazzjoni fejn is-sentenza jkollha l-awtorita` ta' *res judicata* anke di fronte ghas-socjeta` estera u dan biex jigi affrankat lilha li wara xi decizjoni favorevoli ghal kontroparti dik is-socjeta` estera tevita ghal xi raguni jew motivi ir-responsabilita taghha, kontrattwalment assunta. Jinghad fuq dan il-punt fis-sentenza "**Musu -vs- Minesi**", Appell Civili, 13 ta' Marzu 1899 a **Vol. XVII P I p 28** illi proprju l-effett tas-sejha hu dak "*di intitolare la persona chiamata od ammessa ad aderire o di opporsi alle domande fatte dai*

*contendenti principali, e di avere l' effetto di cosa giudicata la sentenza data in tale giudizio, anche nell' interesse della persona chiamata od ammessa*". Dan ragonevolment ifisser illi filwaqt li t-terz ghandu jkollu d-debita opportunita` li jissottommetti r-ragunijiet tieghu, is-sentenza eventwalment pronunzjata taghmel stat anke fil-konfront tieghu;

(5) Hemm raguni ohra superjuri ghall-akkoljiment tat-talba ghal kjamata in kawza. Dik cjoe li tnaqqas in-numri ta' gudizzji u precipwament tiskansa l-possibilita` ta' konflitti ta' gudikati. Intqal a propozitu, "in necessita ta' proceduri ohra hija haga li ghandha tigi evitata bi kwalunkwe manijiera ghax dawn jistghu jwasslu ghal sentenzi konfliggenti" ("**Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro -vs- Prof. Edwin J. Borg Costanzi *nomine***", Appell Civili, 14 ta' Awissu 1975, ferm rakkomandabbli ghall-istudjuzi ta' l-istitut hawn ikkontemplat). Jikkonsegwi minn dan illi fil-kaz li s-socjeta` appellanti ma jirnexxiliex fl-opposizzjoni taghha tal-pretensjoni tad-Direttur appellat, hi ma jkollhiex imbaghad ghalfejn tirriversa l-konsegwenzi tal-kawza sfavorevoli ghaliha f' gudizzju iehor separat u b' hekk tiskansa wkoll ir-riskju propunjat minnha fl-appell;

Din il-Qorti ssofermat fit-tul fuq il-principji inerenti ghall-istitut tal-kjamata in kawza ghaliex hasset li l-ezercizzju kondott mill-ewwel Qorti ma kienx approfondit tal-kunsiderazzjonijiet guridici kollha li l-kaz kien jimmerita. Naturalment, kif mistenni, din il-Qorti ma affrontatx il-meritu tat-talba *ut sic* kemm ghaliex in virtu ta' l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 hi stess ma tistax taghmel il-kjamata in kawza, kif ukoll ghar-raguni illi jispetta lill-Qorti ta' l-ewwel grad li tinvestiga b' mod adegwat dik l-istess talba, attiz il-produzzjoni tal-provi necessarji;

Wisq naturali, filwaqt li ser taghmel ir-rinviju opportun ghal kunsiderazzjoni ulterjuri u skond il-ligi, din il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tissenjalax certi aspetti li fuqhom l-ewwel Qorti ghandha l-aktar taffida l-attenzjoni taghha:-

(1) *In primis*, trattandosi ta' socjeta` estera li taghha qed tintalab il-kjamata, jekk l-Artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jikkonsentix li tribunal lokali jkollu gurisdizzjoni fuq dik is-socjeta`;

(2) Fit-tieni lok, jekk tabilhaqq u fil-verita jezistix, b' mod car u inekwivoku, l-obbligu pattizju assunt mis-socjeta` barranija li taghmel tajjeb ghal pretensjoni dedotta fil-gudizzju skond il-ftehim li ghalih tirreferi s-socjeta` appellanti u li dwaru l-appellat jiddikjara li mhux edott.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell fis-sens biss tal-kunsiderazzjonijiet superjorment zvolti u b' hekk thassar il-provvediment moghti tac-cahda tal-kjamata in kawza. Finalment tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kunsiderazzjoni u approfondiment ulterjuri taghha skond il-ligi. Fic-cirkustanzi, l-ispejjez taz-zewg istanzi relattivi ghal dan l-incident jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------